

Brussell, 3 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13529/25

UD 222
ENFOCUSTOM 146
MI 732
TRANS 432
ECOFIN 1292

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	2 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 579 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL skont l-Artikolu 278(a) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, dwar il-progress fl-iżvilupp tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 579 final.

Mehmuż: COM(2025) 579 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.10.2025
COM(2025) 579 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

**skont l-Artikolu 278(a) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, dwar il-progress fl-iżvilupp tas-
sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi**

{SWD(2025) 281 final}

Werrej

1. Introduzzjoni	2
2. Kontenut tar-Rapport.....	3
3. Ir-responsabbiltajiet għas-sistemi elettroniċi tal-KDU	4
4. Ħarsa globali lejn il-progress bis-sistemi elettroniċi tal-KDU	4
4.1 PROĠETTI LI TLESTEW QABEL L-2024	4
4.2 PROĠETTI LI GĦADHOM GĦADDEJJIN U LI TLESTEW FL-2024.....	5
4.3 RISKJI GĦAL DEWMIEN FL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-IT TAL-KDU	14
4.4 AZZJONIJIET TA' MITIGAZZJONI.....	16
4.5 IS-SITWAZZJONI ATTWALI GĦALL-PAJJIŻI TAT-TKABBIR.....	18
5. Sinteżi amministrativa u konklużjonijiet.....	18

1. INTRODUZZJONI

Dan huwa r-rapport ta' progress annwali tal-2024 dwar l-implimentazzjoni diġitali tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni¹ (KDU), is-sitt wieħed abbozzat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 278(a) tal-KDU dwar il-progress fl-iżvilupp tas-sistemi elettronici². Dan ikopri l-istatus tal-progress miksub fl-2024, inkluża perspettiva dwar il-progress futur mistenni.

Il-KDU daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2016 u wara l-emenda tiegħu fl-2019³, jistabbilixxi l-iskadenzi tal-2020, tal-2022 u tal-2025 għat-tlestija progressiva tal-proġetti f'termini ta' tranżizzjoni u implimentazzjoni diġitali. Is-sistemi elettroniċi u bbażati fuq il-karta eżistenti jistgħu jkomplu jintużaw għat-tweġiq tal-formalitajiet doganali (l-hekk imsejħa "miżuri tranżizzjonali") sakemm is-sistemi elettroniċi l-ġodda jew dawk aġġornati previsti fil-KDU jkunu bdew joperaw. F'dan il-kuntest, il-Programm ta' Ħidma (WP, Working Programme) tal-KDU⁴ (il-WP tal-KDU) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar l-Arranġamenti Tekniċi għas-sistemi elettronici⁵ (IRTA, Implementing Regulation on the Technical Arrangements) għandhom jinqraw flimkien mal-KDU u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu.

Il-WP tal-KDU huwa l-istrument legali biex imexxi l-proċess ta' tranżizzjoni tridimensjonali gradwali u kumpless lejn ambjent doganali kompletament diġitali, filwaqt li jitqiesu l-interdipendenzi bejn is-sistemi u s-sitwazzjoni tal-iżvilupp reali. Huwa l-istrument użat biex imexxi lill-partijiet ikkonċernati fil-proġetti (l-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-operaturi ekonomiċi) lejn implimentazzjoni komuni u fattibbli tal-proġetti sal-31 ta' Diċembru 2025 bħala d-data tat-tmiem finali tat-tranżizzjoni diġitali.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq il-WP tal-KDU, adottat mill-Kummissjoni fil-15 ta' Diċembru 2023, bħala l-linja bażi għar-rapportar tal-progress. L-aspetti tal-governanza tal-programm u tal-proġett huma definiti fil-Pjan Strateġiku Pluriennali għad-Dwana (MASP-C, Multi-Annual Strategic Plan for Customs).

B'mod parallel mal-implimentazzjoni li għaddejja tal-KDU, fis-17 ta' Mejju 2023 il-Kummissjoni adottat proposta għal riforma komprensiva tal-Unjoni Doganali, inkluż KDU ġdid, u dan jimmarka trasformazzjoni sinifikanti tal-qafas doganali tal-UE⁶. Bħalissa, din il-proposta qed tiġi eżaminata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Din ir-riforma hija strutturata abbażi ta' tliet pilastri ewlenin:

- 1) il-ħolqien ta' Awtorità Doganali tal-UE li se tiżviluppa u tissorvelja l-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE: din se tkun il-magna tas-sistema l-ġdida li se tissostitwixxi l-arkitettura tal-IT

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1–101.

² Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill:
2019: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A52019SC0434>;
2020: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52020SC0339>;
2021: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52021SC0382>;
2022: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52023SC0029>;
2023: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2024:395:FIN>.

³ Ir-Regolament (UE) 2019/632 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 biex jittawwal il-perjodu taż-żmien tal-użu tranżizzjonali ta' mezzi oħrajn minbarra t-tekniki tal-ipproċessar elettroniku tad-data previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ĠU L 111, 25.4.2019, p. 54–58.

⁴ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2879 tal-15 ta' Diċembru 2023 li tistabbilixxi Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u l-varar tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, ĠU L 202302879, 22.12.2023, p. 1–17, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:L_202302879.

⁵ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/512 tat-13 ta' Marzu 2025 dwar l-arranġamenti tekniċi għall-iżvilupp, il-manutenzjoni u t-tħaddim ta' sistemi elettroniċi għall-iskambju u l-ħżin tal-informazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 2025/512, 20.3.2025, p. 1–45, https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_impl/2025/512/oj/mlt.

⁶ Il-Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-Awtorità Doganali tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 (COM/2023/258 final).

deċentralizzata kurrenti bbażata fuq dikjarazzjonijiet doganali b'ambjent ċentralizzat u mmexxi mid-data;

- 2) sħubija ġdida mal-operaturi kummerċjali bbażata fuq proċessi trasparenti li se jippermettu li l-flussi kummerċjali konformi joperaw mingħajr interazzjoni doganali formali u se jtaffu l-piż amministrattiv relatat;
- 3) reġim doganali tal-kummerċ elettroniku mfassal apposta, li se jagħmel lill-pjattaformi online l-atturi ewlenin fl-iżgurar li l-merkanzija mibjugħa online direttament lill-konsumaturi fl-UE tikkonforma mal-obbligi doganali kollha.

It-tlestija f'waqtha tas-sistemi elettroniċi tal-KDU hija prijorità b'saħħitha sabiex jimmaterjalizzaw il-benefiċċji introdotti għan-negozjanti fil-KDU. Din hija kruċjali fl-appoġġ u l-kontribut għar-Riforma Doganali u l-iżvilupp tal-Pjattaforma futura tad-Data Doganali tal-UE, inkella s-simplifikazzjonijiet sinifikanti mwieġha mir-riforma doganali ma jinbnewx fuq bażi b'saħħitha.

2. KONTENUT TAR-RAPPORT

Il-proġetti elenkati fil-WP tal-KDU jistgħu jinqasmu fi tliet kategoriji ta' sistemi bbażati fuq id-definizzjonijiet previsti fl-IRTA⁷:

- i) **Sistemi ċentrali trans-Ewropej** li jridu jiġu żviluppati jew aġġornati mill-Kummissjoni (li ħafna drabi jeħtieġu wkoll żviluppi jew aġġornamenti tas-sistemi nazzjonali mill-Istati Membri);
- ii) **Sistemi deċentralizzati trans-Ewropej** li jridu jiġu żviluppati jew aġġornati mill-Kummissjoni iżda li għandhom komponent nazzjonali ewleni li jrid jiġi implimentat mill-Istati Membri;
- iii) **Sistemi nazzjonali** li jridu jiġu żviluppati jew aġġornati esklużivament mill-Istati Membri.

Dan ir-rapport jibda bl-ispejgazzjoni tal-metodu għall-ħolqien tar-rapport u s-sorsi użati (it-taqsim 2) u mbagħad ikopri fil-qosor ir-responsabbiltajiet għas-sistemi elettroniċi tal-KDU (it-taqsim 3). Barra minn hekk, fih ħarsa ġenerali globali lejn il-proġetti differenti u l-progress tagħhom u jenfasizza wkoll id-dewmien potenzjali, fejn identifikat, kif ukoll il-miżuri ta' mitigazzjoni previsti (it-taqsim 4). Il-valutazzjoni ġenerali tal-progress tal-implimentazzjoni tal-WP tal-KDU hija miġbura fil-qosor fil-konklużjoni ta' dan ir-rapport (it-taqsim 5).

Dan ir-rapport huwa **akkompanjat minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni**⁸, ippubblikat flimkien ma' dan ir-rapport, li fih informazzjoni dettaljata dwar l-ippjanar u l-progress tal-proġetti differenti kif irrapportati mill-Istati Membri. Din il-ħidma kienet appoġġata minn kuntrattur estern.

Ir-rapport u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal jifasslu abbażi tal-informazzjoni miġbura mis-sorsi li ġejjin:

(1) il-pjanijiet nazzjonali għall-proġetti li l-Istati Membri huma meħtieġa jipprovdu darbtejn fis-sena (Jannar u Ġunju).

L-informazzjoni miġbura għal kull proġett tinkludi d-dati speċifiċi, l-istatus, u l-progress għal kull wieħed mill-istadji importanti stabbiliti fil-WP tal-KDU;

(2) sħarriġ ieċċirkolat lill-Istati Membri.

⁷ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/512 tat-13 ta' Marzu 2025 dwar l-arranġamenti tekniċi għall-iżvilupp, il-manutenzjoni u t-tħaddim ta' sistemi elettroniċi għall-iskambju u l-ħżin tal-informazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 2025/512, 20.3.2025, p. 1–45, https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_impl/2025/512/oj/mlt

⁸ Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li Jakkompanja r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill skont l-Artikolu 278a tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, dwar il-progress fl-iżvilupp tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi, SWD (2024) XX final.

L-informazzjoni għabret il-valutazzjoni tar-riskju, id-dewmien, u r-raġunijiet għal kwalunkwe dewmien bħal dan, kif ukoll il-miżuri ta' mitigazzjoni ppjanati u/jew meħuda fir-rigward tal-proġetti. Barra minn hekk, filwaqt li komplew bl-approċċ meħud fl-2023, l-Istati Membri pprovdew ukoll informazzjoni dwar it-tagħlimiet meħuda matul l-iżvilupp tal-proġetti u dwar l-appoġġ addizzjonali possibbli meħtieġ;

(3) laqgħat bilaterali ta' livell għoli mad-Direttorati tal-IT tad-Dwana tal-Istati Membri.

Matul il-laqgħat bilaterali l-Istati Membri jiksibu fehim sħiħ u akkurat tal-istatus ta' kull wieħed mill-proġetti tal-KDU, inklużi l-kwistjonijiet li kienu qed jiffaċċjaw, u jiġu ġġenerati ideat għat-titjib ta' sitwazzjonijiet problematiċi.

(4) outputs mill-programmi trans-Ewropej ta' koordinazzjoni u ta' monitoraġġ.

Dan ir-rapport fih ukoll analiżi bbażata fuq informazzjoni aktar dettaljata pprovduta mill-Maniġers ta' Proġetti fid-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali (DG TAXUD, Directorate-General for Taxation and Customs Union) tal-Kummissjoni u rrapportata mill-Istati Membri fil-qafas tal-Programmi ta' Koordinazzjoni stabbiliti mill-2020 għas-sistemi trans-Ewropej.

3. IR-RESPONSABBILTAJIET GĦAS-SISTEMI ELETTRONIĊI TAL-KDU

Skont l-arkitettura tas-sistema miftiehma mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni għal kull waħda mis-sistemi (ċentralizzati, deċentralizzati jew nazzjonali), hemm **kondiviżjoni tar-rwol** definita fir-rigward tar-**responsabbiltajiet** għall-iżvilupp, għall-varar, għall-operat u għall-manutenzjoni. Dan huwa stabbilit fl-IRTA, li jiddeskrivi f'liema komponenti jikkonsistu dawk is-sistemi, u x'inhi n-natura tagħhom — nazzjonali (żviluppata fil-livell nazzjonali) jew komuni (żviluppata fil-livell tal-UE). F'termini ta' arkitettura, is-sistemi ċentrali u s-sistemi deċentralizzati huma ta' natura trans-Ewropea u fihom komponenti komuni b'mod awtomatiku, xi drabi flimkien ma' komponenti nazzjonali, filwaqt li s-sistemi nazzjonali jikkonsistu biss minn komponenti nazzjonali.

F'konformità mal-Artikolu 103 tal-IRTA, il-**komponenti komuni** għandhom jiġu żviluppati, ittestjati, varati u ġestiti mill-Kummissjoni u jistgħu jiġu ttestjati mill-Istati Membri. Il-**komponenti nazzjonali** għandhom jiġu żviluppati, ittestjati, użati u ġestiti mill-Istati Membri.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-komponenti nazzjonali jkunu interoperabbli mal-komponenti komuni. Il-Kummissjoni għandha tfassal u żżomm l-ispeċifikazzjonijiet komuni għas-sistemi deċentralizzati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw, joperaw, u jżommu interfaċċi biex jipprovdu l-funzjonalità għas-sistemi deċentralizzati neċessarji għall-iskambju ta' informazzjoni mal-Operaturi Ekonomiċi u ma' persuni oħra permezz ta' komponenti u interfaċċi nazzjonali, flimkien ma' Stati Membri oħra permezz ta' komponenti komuni.

4. ĦARSA GLOBALI LEJN IL-PROGRESS BIS-SISTEMI ELETTRONIĊI TAL-KDU

Il-WP tal-KDU fih 17-il proġett li jwasslu għall-varar tas-sistemi elettroniki meħtieġa inklużi 14-il **proġett trans-Ewropew** li għalihom il-Kummissjoni u l-Istati Membri huma responsabbli (li jirriżultaw f'sistemi ċentrali u deċentralizzati) u tliet **proġetti nazzjonali** li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà unika tal-Istati Membri (li jirriżultaw f'sistemi nazzjonali).

4.1 PROĠETTI LI TLESTEW QABEL L-2024

Il-Kummissjoni tirrapporta l-varar b'suċċess tad-**disa' sistemi ġodda jew aġġornamenti** li ġejjin:

- Is-Sistema tal-Esportaturi Rreġistrati tal-KDU — *REX* (ġdida): Varata fl-2017;

- Id-Deċiżjonijiet Doganali tal-KDU — *CDS* (għodda): Varati fl-2017;
- L-Aċċess Dirett min-Negozjanti għas-Sistemi tal-Infurmazzjoni Ewropej tal-KDU — *UUM&DS* (Ġestjoni Uniformi tal-Utenti u Firma Diġitali) (għodda): Varat fl-2017;
- Is-Sistema ta' Reġistrazzjoni u Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi tal-KDU 2 — *EORI2* (aġġornament): Varata fl-2018;
- Is-Sorveljanza 3 tal-KDU — *SURV3* (aġġornament): Varata fl-2018;
- L-Infurmazzjoni Tariffarja Vinkolanti tal-KDU — *BTI* (aġġornament): Varata fl-2019;
- L-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati tal-KDU — *AEO* (aġġornament): Varata fl-2019;
- L-Iskedi ta' Infurmazzjoni għal Proċeduri Speċjali tal-KDU — *INF* (għodda): Varati fl-2020;
- Is-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni tal-KDU 2 – Rilaxx 1 u 2 – *ICS2 - Rilaxx 1 u 2* (aġġornament): Varati fl-2021 u fl-2023, rispettivament.

4.2 PROĠETTI LI GĦADHOM GĦADDEJJIN U LI TLESTEW FL-2024

Dan ir-rapport għandu l-għan li jenfasizza l-kisbiet u l-isfidi ffaċċjati fl-implimentazzjoni tal-proġetti li kienu għaddejjin fl-2024 mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri.

It-Taqsima 4.2.1 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn **is-sitt proġetti trans-Ewropej** skedati li jiġu varati bejn l-2024 u l-2025. Ħamsa minn dawn il-proġetti għandhom perjodi ta' varar li jintemmu fl-2024 kif stabbilit fil-qafas legali tal-WP tal-KDU.

It-Taqsima 4.2.2 tiddekrivi l-implimentazzjoni tat-**tliet proġetti nazzjonali**, jiġifieri *n-Notifika tal-Wasla/in-Notifika tal-Preżentazzjoni/il-Ħażna Temporanja* (l-hekk imsejħa sistemi nazzjonali ta' dħul), *is-Sistemi ta' Importazzjoni Nazzjonali u l-Proċeduri Speċjali*. Dawn il-proġetti oriġinarjament kienu ppjanati li jkunu operazzjonali sal-31 ta' Diċembru 2022, kif definit fil-KDU. Madankollu, minħabba n-nuqqas ta' kapaċità li tintlaħaq din l-iskadenza u kif identifikat qabel fir-Rapporti Annwali dwar il-Progress tal-KDU, diversi Stati Membri talbu deroga skont l-Artikolu 6(4) tal-KDU. B'riżultat ta' dan, fl-1 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni adottat Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni li jagħtu deroga lil ċerti Stati Membri, li jestendu l-iskadenza sal-31 ta' Diċembru 2023 għas-Sistemi ta' Importazzjoni Nazzjonali u għall-qasam tal-importazzjoni tal-Proċeduri Speċjali, kif ukoll għas-sistemi nazzjonali ta' dħul għat-trasport bl-ajru, filwaqt li ġie indikat allinjament ulterjuri mar-rilaxxi differenti tal-ICS2 għal modi oħra ta' trasport.

4.2.1 Proġetti trans-Ewropej

Il-proġetti trans-Ewropej isegwu struttura partikolari, li tista' tinvolvi kombinament ta' elementi ċentrali u nazzjonali kif ukoll fażijiet jew komponenti multipli. Kif iddikjarat fl-Artikolu 278(3) tal-KDU, dawn huma meħtieġa li jitlestew sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025. Deskrizzjoni u progress konċiżi għal kull proġett huma ppreżentati hawn taħt:

- 1) **Il-Ġestjoni tal-Garanziji tal-KDU** — GUM (għodda): għandha l-għan li tiżgura l-ġestjoni effettiva u effiċjenti ta' diversi tipi ta' garanziji fl-UE, b'enfasi fuq it-titjib tal-veloċità tal-improċessar, tat-traċċabbiltà u tal-monitoraġġ tal-garanziji bejn l-uffiċċji doganali.

Progress: Il-GUM – *Komponent 1* li tiġġestixxi b'mod ċentrali garanziji li jistgħu jintużaw f'diversi Stati Membri, saret **operazzjonali fil-11 ta' Marzu 2024** fi ħdan is-Sistema tad-Deċiżjonijiet Doganali. Fid-dawl tal-interkonnessjoni bejn iż-żewġ komponenti, l-attivitajiet tal-ittestjar tal-konformità jibqgħu disponibbli sakemm l-Istati Membri jimplimentaw is-sistemi tal-GUM – *Komponent 2* tagħhom.

Fir-rigward tal-komponent nazzjonali, *GUM – Komponent 2*, l-Istati Membri huma mistennija jistabbilixxu konnessjonijiet operazzjonali mal-komponent ċentrali bejn Marzu 2024 u Ġunju 2025. F'tit Stati Membri rrapportaw il-varar tal-komponent nazzjonali tagħhom bħala komplut; madankollu, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrapportaw livell ta' riskju baxx sa medju għat-twettiq f'waqtu tal-proġett sat-tieni trimestru tal-2025.

Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsimiet 3.6.2 u 4.1.2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport.

- 2) **Is-Sistema ta' Kontroll tal-Importazzjoni tal-KDU 2 — ICS2** (aġġornament): għandha l-għan li ssaħħaħ is-Sikurezza u s-Sigurtà tal-katina tal-provvista billi ttejjeb il-kwalità tad-data, l-arkivjar, id-disponibbiltà u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni avvanzata dwar il-merkanzija.

Progress: L-ICS2 – *Rilaxx 3* testendi l-ambitu mit-trasport bl-ajru għat-traffiku marittimu u fil-passaġġi fuq l-ilma interni, fit-toroq u bil-ferrovija. Peress li tikkonċerna sistema ċentrali, l-attivitajiet tal-ittestjar tal-konformità għal dan ir-rilaxx jitwettqu esklużivament mill-operaturi ekonomiċi.

B'mod ġenerali, l-operaturi ekonomiċi għandhom jibdew jużaw l-ICS2 – *Rilaxx 3* fi tliet passi: it-trasportaturi marittimi u tal-passaġġi fuq l-ilma interni sal-4 ta' Diċembru 2024, it-traffiku marittimu u fil-passaġġi fuq l-ilma interni sal-1 ta' April 2025 u t-trasportaturi bit-triq u bil-ferrovija sal-1 ta' Settembru 2025. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri indikaw li l-proġett kien miexi skont kif ippjanat għat-trasport marittimu u kien hemm riskju baxx fir-rigward tal-ilħuq tal-iskadenza tal-WP tal-KDU għall-modi l-oħra tat-trasport.

Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsimi 4.2.2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport.

- 3) **Il-Prova ta' Status tal-Unjoni tal-KDU — PoUS** (ġdida): għandha l-għan li taħżen, tiġġestixxi u tikseb il-provi kollha li juru li n-negozjanti jipprovdu l-istatus tal-Unjoni tal-merkanzija tagħhom. Minħabba d-dipendenzi mal-Manifest Doganali tal-Merkanzija (CGM, Customs Goods Manifest) tal-KDU u mas-sistema ta' Single Window Marittima Ewropea (EMSWe, European Maritime Single Window environment), il-proġett se jitlesta f'żewġ fażijiet differenti biex jiġu minimizzati r-riskji u l-inkonsistenzi.

Progress: *PoUS – Fażi 1* bdiet topera fl-1 ta' Marzu 2024 kif ippjanat.

Fir-rigward tal-*PoUS – Fażi 2*, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tlestew mill-Kummissjoni fit-tieni trimestru tal-2023, u l-attivitajiet tal-ittestjar tal-konformità huma skedati li jiġu konklużi fit-tielet trimestru tal-2025.

L-Istati Membri u l-Kummissjoni mexjin skont kif ippjanat għat-twettiq f'waqtu tal-proġett sal-iskadenza legali fil-15 ta' Awwissu 2025. Ġie identifikat riskju medju sa għoli għall-proġett fid-dawl tad-dipendenza mal-EMSWe.

Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsimiet 3.9.2 u 4.3.2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport.

- 4) **Żdoganar Ċentralizzat għall-Importazzjoni tal-KDU** – Is-sistema l-ġdida tas-CCI Trans-Ewropew tiżgura d-diġitalizzazzjoni tal-proċess ċentralizzat tal-iżdoganar fil-livell Ewropew kif definit fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (KDU). Din tippermetti lin-negozjanti fdati jippreżentaw dikjarazzjoni doganali fl-uffiċċju doganali ta' superviżjoni fl-Istat Membru tal-istabbiliment tagħhom, għall-merkanzija ppreżentata fiżikament lil uffiċċju doganali fi kwalunkwe Stat Membru ieħor, u b'hekk tippermetti l-ipproċessar tad-dikjarazzjoni doganali u r-rilaxx fiżiku tal-merkanzija b'mod diġitali, effiċjenti, prevedibbli u kkoordinat fost l-uffiċċji doganali li jinsabu fi Stati Membri differenti.

Is-sistema tas-CCI qed tiġi implimentata f'żewġ fażijiet:

CCI – Fażi 1, tippermetti pproċessar awtomatizzat ta' dikjarazzjoni standard u simplifikata inkluża dikjarazzjoni doganali ppreżentata minn qabel, kif ukoll dikjarazzjoni supplimentari

b'natura perjodika jew ġenerali għat-tqegħid tal-merkanzija taħt rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, il-ħażna doganali, l-ipproċessar attiv u l-użu aħħari. **CCI – Fażi 2**, tibni fuq il-Fażi 1 billi testendi l-ambitu għax-xenarji tas-CCI kollha li jifdal, inklużi tipi ta' dikjarazzjonijiet u flussi ta' proċessi aktar kumplessi. Din għandha l-għan li tlesti l-integrazzjoni u l-funzjonalità diġitali tal-iżdoganar ċentralizzat għall-importazzjonijiet fl-UE.

Iż-żewġ fażijiet huma interrelatati: **Il-Fażi 1 hija prerekwiżit għall-Fażi 2**, u xi Stati Membri għażlu li jimplimentaw iż-żewġ fażijiet simultanjament biex jissimplifikaw l-isforzi nazzjonali.

Progress: Għas-CCI – Fażi 1, il-Kummissjoni miexja skont l-iskeda u bħalissa qed isir ittestjar tal-konformità mal-Istati Membri. Ġie assenjat livell ta' riskju medju sa għoli lill-proġett minħabba dipendenzi fuq il-prontezza tal-Istati Membri fir-rigward tal-aġġornament tas-Sistemi ta' Importazzjoni Nazzjonali, prerekwiżit għall-varar tas-CCI.

Is-sistema tas-CCI daħlet fl-ewwel fażi tal-implimentazzjoni tagħha **fl-1 ta' Lulju 2024 bil-prontezza tal-komponenti komuni u xi wħud mill-komponenti nazzjonali**. Kif muri fil-Figura 1 hawn taħt, il-fażi 1 tas-CCI hija disponibbli għall-użu min-negozji Ewropej f'9 Stati Membri (BG, EE, ES, LU, LT, LV, PL, RO, HR) f'Settembru 2024. Sat-2 ta' Ġunju 2025 BE, CZ, DK, EL, CY, IT, MT, AT, HU, PT, FI, SE u SI qed jippjanaw li jingħaqdu gradwalment. Sal-31 ta' Diċembru 2025, DE, SK, NL u IE qed jippjanaw li jingħaqdu gradwalment. FR qed tippjana li tingħaqad wara l-2025.

Kull strixxa blu tinkludi l-għadd ta' Stati Membri li jkunu varaw is-sistema tas-CCI, filwaqt li l-linja ħadra turi l-għadd totali ta' Stati Membri (li mistennija jkunu) fl-operazzjonijiet u l-linja ħamra tirrifletti l-istadju importanti legali tal-1 ta' Lulju 2024.




Figura 1: CCI P1 Id-dħul tal-Istati Membri fl-operazzjonijiet

Fir-rigward tas-CCI – Fażi 2, il-Kummissjoni ffinalizzat l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fl-2022, u sar disponibbli l-ittestjar tal-konformità.

Sabiex tgħin lill-Istati Membri u lin-negozjanti fl-implimentazzjoni tax-xenarji u tal-proċessi kollha tas-CCI, il-Kummissjoni żviluppat pakkett dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' ambitu sħiħ tas-CCI – Fażi 2 li jikkonsolida l-ispeċifikazzjonijiet għaż-żewġ fażijiet, flimkien ma' gwida.

F'termini tal-valutazzjoni tal-livell ta' komplettezza tas-sistema sħiħa tas-CCI, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrapportaw li qed isir progress fir-rigward tal-iżviluppi, b'xi riassigurazzjoni li se jilhqgħu l-istadju importanti finali tal-varar fit-2 ta' Lulju 2025.

Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsimiet 3.5.2 u 4.4.2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport.

- 5) **Is-Sistema ta' Tranżitu Kompjuterizzata Ġdida tal-KDU – NCTS** (aġġornament): għandha l-għan li tallinja s-sistema ta' tranżitu eżistenti tal-Unjoni u dik komuni mad-dispożizzjonijiet legali tal-KDU, inklużi r-rekwiżiti tad-data tal-KDU u l-interfaċċi ma' sistemi oħra.

Progress: Skont il-WP tal-KDU tal-2023, *NCTS – Fażi 5* tista' tiġi implimentata f'żewġ passi: il-funzjonalitajiet ewlenin sal-1 ta' Diċembru 2023 b'kontinwità tan-negożju allinjata mal-KDU, u l-funzjonalitajiet mhux ewlenin sat-2 ta' Diċembru 2024. L-operaturi ekonomiċi ġew infurmati li perjodu tranżizzjoni jista' jiġi pprovdut mill-Istati Membri sat-2 ta' Diċembru 2024 għall-implimentazzjoni sħiħa.




Figura 2: NCTS – Fażi 5 Id-dħul fl-operazzjonijiet tal-Istati Membri

B'mod ġenerali, għall-*NCTS – Fażi 5*, inkiseb progress sinifikanti. Kif muri fil-Figura 2, 14-il Stat Membru bdew operazzjonijiet b'funzjonalitajiet ewlenin sal-1 ta' Diċembru 2023 u sa Ottubru 2024 ingħaqdu 11-il Stat Membru addizzjonali. L-Istati Membri kollha kkonfermaw mill-ġdid il-prontezza f'waqtha tagħhom għall-bidu tal-operat bil-funzjonalitajiet ewlenin u mhux ewlenin sat-2 ta' Diċembru 2024, bl-eċċezzjonijiet ta' ftit Stati Membri li se jingħaqdu ftit wara, iżda mhux aktar tard mill-21 ta' Jannar 2025, li hija d-data limitu tal-NCTS-Fażi 4 l-antika.

Għall-*NCTS – Fażi 6*, l-iskeda ta' żmien kienet sinkronizzata ma' dik tal-ICS2 – *Rilaxx 3*⁹. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrapportaw riskju baxx assoċjat mat-twassil tas-sistema sal-1 ta' Settembru 2025, b'xi wħud minnhom diġà qed jimxu 'l quddiem fir-rigward tal-

⁹ Kif previst fil-WP tal-KDU tal-2023, *NCTS – Fażi 5* se tiġi varata bis-sħiħ sal-21 ta' Frar 2025. Il-perjodu ta' tranżizzjoni mill-*NCTS – Fażi 5* sal-*NCTS – Fażi 6* huwa previst bejn l-1 ta' Marzu 2025 u l-1 ta' Settembru 2025, matul l-istess perjodu li l-ICS2 – *Rilaxx 2* se jgħaddi għall-ICS2 – *Rilaxx 3*, li jippermetti s-sinkronizzazzjoni bejn iż-żewġ sistemi.

ispeċifikazzjonijiet tekniċi. Madankollu, tliet Stati Membri (FR, PL, u RO) indikaw li qed jippjanaw li jingħaqdu fl-operazzjonijiet wara l-iskadenza.

Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsimiet 3.7.2 u 4.5.2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport.

- 6) **Is-Sistema Awtomatizzata tal-Esportazzjoni tal-KDU — AES** (aġġornament): għandha l-għan li timplimenta r-rekwiżiti tal-KDU għall-esportazzjoni u l-ħruġ tal-merkanzija, kif ukoll is-Simplifikazzjonijiet tal-KDU offruti għall-kummerċ.

Progress: Skont il-WP tal-KDU tal-2023, l-Istati Membri jistgħu jvaraw l-AES fi tliet passi: il-funzjonalitajiet ewlenin sal-1 ta' Diċembru 2023, l-interfaċċar mas-Sisa sat-13 ta' Frar 2024, u l-funzjonalitajiet mhux ewlenin sat-2 ta' Diċembru 2024.

L-Istati Membri rrapportaw progress sinifikanti. Kif muri fl-Illustrazzjoni 3, 12-il Stat Membru bdew operazzjonijiet b'funzjonalitajiet ewlenin sal-1 ta' Diċembru 2023 u sa nofs Ottubru 2024 ingħaqdu 7 oħra. L-Istati Membri kollha li jifdal, minbarra FR u GR, se jibdew joperaw b'mill-inqas funzjonalitajiet ewlenin u l-interfaċċar mas-Sisa qabel il-11 ta' Frar 2025, bil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jingħaqdu qabel tmiem l-2024.

Fir-rigward tas-sistema nazzjonali, AES – *Komponent 2*, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri varaw jew se jvaraw is-sistema qabel l-iskadenza tat-2 ta' Diċembru 2024.

Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsimi 3.8.2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport.




Figura 3: AES Id-dħul tal-Istati Membri fl-operazzjonijiet

Fil-qosor l-istatus tal-proġetti trans-Ewropej elenkati hawn fuq, il-Kummissjoni tibqa' fit-triq it-tajba biex tilħaq l-iskadenzi legali miftiehma fil-kuntest tal-KDU u tal-WP tal-KDU. Fir-rigward tal-varar mill-Istati Membri tal-komponenti nazzjonali ta' dawn is-sistemi trans-Ewropej, ġew identifikati riskji serji għal dewmien, b'mod partikolari għas-CCI u l-AES (ara t-taqsimi 4.3).

4.2.2 Proġetti nazzjonali

L-Istati Membri kellhom ilestu l-aġġornament tas-sistemi tagħhom għat-**tlit proġetti kompletament nazzjonali**¹⁰ sal-31 ta' Diċembru 2022, f'konformità mal-Artikolu 278(2) tal-KDU. Madankollu, 22 Stat Membru ma setgħux jilhqgħu din l-iskadenza u wara t-talba tagħhom, ingħataw deroga, li estendiet l-iskadenza tal-varar sal-31 ta' Diċembru 2023¹¹. Ir-rapport tas-sena li għaddiet irrifletta xi dewmien ulterjuri prinċipalment għas-Sistema ta' Importazzjoni Nazzjonali u s-sistema għall-Ħażna Temporanju. Sa tmiem l-2024, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri varaw dawn is-sistemi differenti ta' dħul u importazzjoni, għalkemm għandu jiġi nnotat li xi wħud qed jaħdmu f'iterazzjonijiet u li xi funzjonalitajiet jew aġġornamenti għall-mudell tad-data tagħhom se jiġu varati b'rilaxx aktar tard tas-sistemi tagħhom. F'dan ir-rigward, l-implimentazzjoni sħiħa ta' dawn il-proġetti għadha għaddejja għal għadd sostanzjali ta' Stati Membri.

Il-progress għal kull proġett nazzjonali huwa ppreżentat hawn taħt u muri fil-Figura 4:

- 1) **In-Notifika tal-Wasla, in-Notifika tal-Preżentazzjoni u l-Ħażna Temporanja tal-KDU** (*AN, PN u TS*) (aġġornament): għandha l-għan li tawtomatizza l-proċessi ta' dħul nazzjonali u tarmonizza l-iskambju tad-data bejn il-kummerċ u d-dwana fl-Istati Membri.

Progress: It-twertiq f'waqtu tas-sistemi nazzjonali ġie identifikat li qiegħed f'riskju f'Rapporti Annwali dwar il-Progress tal-KDU preċedenti. Kif muri fil-Figura 4, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom l-għan li jlestu l-implimentazzjoni sa tmiem l-2024 filwaqt li titqies ir-rabta mal-*ICS2 – Rilaxx 3*.

Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima 3.1.2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport.

- 2) **Is-Sistemi ta' Importazzjoni Nazzjonali tal-KDU** — *NIS* (aġġornament): għandhom l-għan li jimplimentaw ir-rekwiżiti kollha tal-proċess u tad-data li huma relatati mal-importazzjonijiet tal-merkanzija kif deskritt fil-KDU.

Progress: Diversi Stati Membri ilhom jirrapportaw riskji fit-twertiq fil-ħin tal-proġett mill-2022, li rriżultaw fl-għoti ta' derogi. Kif muri fil-Figura 4, l-aġġornament tal-*NIS* ġie varat minn 15-il Stat Membru. Madankollu, ftit Stati Membri varaw iżda jirrikjedu aġġornament ulterjuri (IE, PL u SK), filwaqt li erbgħa ma antiċipawx il-kisba tal-implimentazzjoni sa tmiem l-2024.

Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima 3.2.2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport.

- 3) **Il-Proċeduri Speċjali tal-KDU** — *SP* (aġġornament): għandhom l-għan li jarmonizzaw il-Proċeduri Speċjali (jiġifieri, il-ħażna doganali, l-użu aħħari, id-dħul temporanju u l-ipproċessar attiv/passiv).

¹⁰ Din l-iskeda ta' żmien teskludi l-Komponent tal-Esportazzjoni tas-sistema tal-Proċeduri Speċjali nazzjonali, li għaliha l-attività u l-ippjanar huma interkonnessi mal-*AES*.

¹¹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/235 tal-1 ta' Frar 2023 li tagħti deroga mitluba minn ċerti Stati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jintużaw mezzi oħrajn għajr it-tekniki tal-ipproċessar elettroniku tad-data għall-iskambju u l-ħażna tal-informazzjoni għan-notifika tal-wasla ta' bastiment tal-baħar jew ta' inġenju tal-ajru (ĠU L 32, 3.2.2023, p. 220-222).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/234 tal-1 ta' Frar 2023 li tagħti deroga mitluba minn ċerti Stati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jintużaw mezzi oħrajn għajr it-tekniki tal-ipproċessar elettroniku tad-data għall-iskambju u l-ħażna tal-informazzjoni għan-Notifika tal-Preżentazzjoni b'rabta ma' merkanzija miġjuba fit-territorju doganali tal-Unjoni (ĠU L 32, 3.2.2023, p. 217-219).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/236 tal-1 ta' Frar 2023 li tagħti deroga mitluba minn ċerti Stati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jintużaw mezzi oħrajn għajr it-tekniki tal-ipproċessar elettroniku tad-data għall-iskambju u l-ħażna tal-informazzjoni għad-dikjarazzjoni għall-Ħażna Temporanja b'rabta mal-merkanzija mhux tal-Unjoni preżentata lid-dwana (ĠU L 32, 3.2.2023, p. 223-225).

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/237 tal-1 ta' Frar 2023 li tagħti deroga mitluba minn ċerti Stati Membri biex jintużaw mezzi għajr tekniki tal-ipproċessar elettroniku tad-data għall-iskambju u l-ħażna ta' informazzjoni b'rabta mad-dikjarazzjoni doganali għal merkanzija miġjuba fit-territorju doganali tal-Unjoni stabbilita fl-Artikoli 158, 162, 163, 166, 167, 170 u 174, 201, 240, 250, 254 u 256 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 32, 3.2.2023, p. 226-228).

Progress: Kif muri fil-Figura 4, 18-il Stat Membru lestew *SP – Komponent 2*. Il-bqija tal-Istati Membri kellhom dewmien wara l-iskadenza, b'erbgħa minnhom li ma jipprevedux il-varar tas-sistema sa tmiem l-2024.

Fir-rigward tal-*SP – Komponent 1*, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri varaw jew se jvaraw is-sistema sat-2 ta' Diċembru 2024 minkejja l-interdipendenzi mas-sistema tal-*AES*.

Għal aktar dettalji, irreferi għat-taqsimiet 3.3.2 u 3.4.2. tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport.

	AN	PN	TS	NIS	SP IMP
Skadenza tal-WP tal-KDU	31.12.2022 b'estensjoni għall-31/12/2023 ⁽¹⁾			31/12/2022 b'estensjoni għall-31/12/2023 ⁽²⁾	
AT	01/07/2023	01/06/2023	02/06/2025	01/04/2025	01/04/2025
BE	30/06/2023	05/07/2023	29/11/2023	28/08/2024	28/08/2024
BG	01/03/2023	10/11/2023	10/11/2023	10/11/2023	10/11/2023
CY	30/10/2024	30/10/2024	30/10/2024	30/10/2024	30/10/2024
CZ	05/12/2023	05/12/2023	05/12/2023	15/12/2025	15/12/2025
DE	Mhux applikabbli	06/03/2021	06/03/2021	31/10/2022	06/03/2021
DK	06/11/2023	06/11/2023	08/03/2025	08/03/2025	08/03/2025
EE	01/10/2023	15/03/2021	01/07/2021	01/07/2021	01/07/2021
ES	01/03/2023	01/01/2024	01/01/2024	05/09/2023	05/09/2023
IL-FI	31/03/2023	31/03/2021	31/12/2022	31/12/2022	31/12/2022
FR	30/06/2023	06/03/2024	06/03/2024	30/11/2024	30/11/2024
GR	31/12/2023	31/12/2023	30/06/2025	30/06/2025	30/06/2025
HR	01/07/2023	01/03/2023	17/04/2023	01/01/2023	01/01/2023
HU	02/04/2024	02/04/2024	02/04/2024	01/11/2023	01/11/2023
IE	01/07/2023	23/11/2020	23/11/2020	20/01/2026*	23/11/2020
IT	13/12/2022	13/12/2022	13/12/2022	30/11/2022	30/11/2022
LT	01/03/2023	28/02/2023	31/10/2023	31/12/2023	31/12/2023
LU	01/03/2023	10/01/2023	10/01/2023	02/05/2023	02/05/2023
LV	24/09/2017	24/09/2017	24/09/2017	04/06/2018	04/06/2018
MT	04/11/2024	04/11/2024	04/11/2024	31/01/2025	31/01/2025
NL	30/06/2023	01/12/2023	01/12/2023	01/04/2022	01/04/2022
PL	01/07/2023	20/10/2024	20/10/2024*	20/10/2024*	28/03/2022
PT	28/10/2024	28/10/2024	28/10/2024	28/10/2024	28/10/2024
RO	01/05/2024	30/09/2024	31/12/2024	31/12/2024	31/12/2024
SE	01/03/2023	27/09/2023	01/10/2024	31/12/2023	31/12/2023
SI	01/03/2023	01/03/2023	01/03/2024	01/01/2022	01/01/2022
SK	01/03/2023	01/10/2023	02/06/2025*	01/07/2025*	11/06/2016

Tifsira	
	Varar komplut sal-31/12/2024
	Sistema mhux varata sal-31/12/2024
	L-ebda data pprovduta fil-Pjanijiet Nazzjonali għall-Proġetti jew varar mhux applikabbli

Figura 4: Ippjanar tal-varar tas-sistemi nazzjonali ta' dħul/importazzjoni

⁽¹⁾ Sal-31 ta' Diċembru 2023 għall-Istati Membri li ngħataw deroga. Barra minn hekk, FI u GR pprovdew dati f'trimestri, għalhekk, jekk it-trimestru jaqa' sal-iskadenza tal-WP tal-KDU, dan ġie kkunsidrat bħala konformi.

⁽²⁾ Sal-31 ta' Diċembru 2023 għall-Istati Membri li ngħataw deroga jew sal-1 ta' Lulju 2024, fejn japplika l-Artikolu 2(4a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446.

* Is-sistema nazzjonali ġiet aġġornata fil-ħin iżda tirrikjedi allinjament ulterjuri mal-KDU u mal-Mudell tad-Data Doganali tal-UE.

Fil-qosor, l-Istati Membri jinsabu fil-proċess li jlestu l-aġġornament tat-tliet proġetti kompletament nazzjonali tagħhom. Għadd sinifikanti ta' Stati Membri rrapportaw dewmien, l-aktar għall-Ħażna

Temporanja, l-aġġornament tal-NIS, u l-SP – Komponent 2, li rriżulta f'varar li estenda lil hinn mill-iskadenzi tal-2023. Min-naħa l-oħra, huma affettwati oqsma oħra, bħas-sistema tas-CCI peress li l-aġġornament tal-NIS huwa prerekwiżit importanti għall-varar tas-sistema elettronika.

4.3 RISKJI GĦAL DEWMEN FL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-IT TAL-KDU

L-iżviluppi tal-Kummissjoni qed jimxu 'l quddiem kif ippjanat u ma ġie identifikat l-ebda dewmien lil hinn mill-iskadenza legali u l-ebda riskju li jista' jirriżulta f'dewmien fil-varar. Id-dewmien esperjenzat mill-Istati Membri jħalli impatt fuq il-progress tas-sistemi trans-Ewropej bħall-ICS2, is-CCI, l-NCTS u l-AES fit-totalità tagħhom li, min-naħa tagħhom, għandhom impatt fuq l-attivitajiet fl-ambitu tal-azzjoni tal-Kummissjoni. Dan jirriżulta f'riżorsi ta' investiment akbar iddedikati għall-ittestjar tal-konformità, għall-koordinazzjoni u għall-attivitajiet ta' appoġġ għall-proġetti trans-Ewropej. Barra minn hekk, jirrikjedi wkoll aktar assistenza fir-rigward tal-iżvilupp nazzjonali alternattiv, l-iskemi ta' varar u l-monitoraġġ, kif ukoll manutenzjoni estiża tal-komponenti ċentrali matul il-perjodi ta' tranżizzjoni.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri qed jimxu 'l quddiem b'mod sod u gradwali fl-iżviluppi taħt ir-responsabbiltà tagħhom, għalkemm xi wħud minnhom qed javvanzaw b'pass aktar bil-mod milli kien ippjanat oriġinarjament u xi wħud ma għamlux użu suffiċjenti mill-perjodi estiżi pprovduti mal-WP tal-KDU tal-2023. B'riżultat ta' dan, **ġie rrappurtat dewmien lil hinn mill-iskadenzi legali jew tad-deroga** f'xi proġetti nazzjonali u trans-Ewropej.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għamlu avvanzi sinifikanti fl-iżvilupp tas-sistemi trans-Ewropej u diversi kienu qed jagħmlu sforz biex is-sistemi tagħhom jiġu varati sa tmiem l-2023 f'konformità mal-iskadenzi inizjali u d-derogi pprovduti. Madankollu, xi wħud għadhom qed jesperjenzaw dewmien fl-2024, u dan iwassal biex il-pjanijiet ta' varar tagħhom jitressqu lejn it-tmiem jew lil hinn mill-perjodu ta' varar. Il-Kummissjoni ħeġġet aderenza stretta mal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Proġetti tagħhom għal varar f'waqtu.

L-Istati Membri pprovdew diversi raġunijiet għall-ġustifikazzjoni tad-dewmien, li l-biċċa l-kbira tagħhom huma rikorrenti. Dawn jinkludu nuqqas ta' riżorsi finanzjarji u umani, prijoritajiet li jikkompetu ma' xulxin, u interdipendenzi bejn is-sistemi. Barra minn hekk, l-Istati Membri rrapportaw l-inkapaċità tal-infrastrutturi nazzjonali tal-IT li jlaħħqu mal-ħtiġijiet tekniċi tal-proġetti, il-kwistjonijiet ta' kapaċità tal-kuntratturi u d-dipendenzi ma' partijiet ikkonċernati oħra. Barra minn hekk, fatturi oħra li jikkontribwixxu għad-dewmien jinkludu perjodi estiżi tal-ittestjar tal-konformità, il-prontezza tan-negożjanti, sejħiet għall-offerti mdewma jew mingħajr suċċess, proċeduri ta' akkwist pubbliku ta' piż, kwistjonijiet ta' governanza u integrazzjonijiet kumplessi tas-sistema.

Fir-rigward tal-proġetti nazzjonali ta' dħul u importazzjoni, ġie spjegat fir-rapporti preċedenti u fit-Taqsima 4.2 li l-Istati Membri ppreżentaw talbiet formali għal derogi li jikkonċernaw dewmien lil hinn mill-iskadenzi legali fil-proġetti nazzjonali tagħhom, li jestendu l-iskadenza sal-31 ta' Diċembru 2023¹².

L-informazzjoni pprovduta fil-Figura 4 turi li l-Istati Membri li ġejjin huma tard għal proġett wieħed jew aktar: AT, CZ, DK, GR, u b'xi Stati Membri li jirrikjedu aġġornament ulterjuri għas-sistema tagħhom biex ikollhom allinjament sħiħ mal-KDU.

Fir-rigward tal-proġetti trans-Ewropej deskritti fit-Taqsima 4.2, u kif rifless fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport, **diversi Stati Membri infurmaw lill-Kummissjoni dwar id-dewmien li ġejj:**

- Għall-implimentazzjoni tal-**Proċeduri Speċjali – Komponent 1**, l-Istati Membri li ġejjin għandhom data operattiva ppjanata/reali li hija aktar tard mill-iskadenza fil-WP tal-KDU: AT, CY, DK, FI, FR, GR, HU, IT, LT, LU, MT, PT, RO, SE, u SK. Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima 3.3 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport.
- Għall-implimentazzjoni tal-**ICS2 – Rilaxx 3**, l-Istati Membri li ġejjin għandhom data tal-operazzjonijiet ippjanata/reali li hija aktar tard mill-iskadenza fil-WP tal-KDU¹³: DK, FI, LU,

¹² Għall-modi tat-trasport għajr bl-ajru, id-derogi għan-*Notifika tal-Wasla, in-Notifika tal-Preżentazzjoni*, u l-*Ħażna Temporanja* jdmu sad-29 ta' Frar 2024.

¹³ Fir-reviżjoni tal-WP tal-KDU tal-2023, l-użu tal-ICS2 — *Rilaxx 3* sħiħ mill-Istati Membri kollha huwa previst għat-3 ta' Ġunju 2024. Il-varar tas-sistema ICS2 — *Rilaxx 3* huwa ppjanat fi tliet passi: Il-Pass 1 dwar it-trasportaturi marittimi u

MT, u RO. Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsim 4.2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jikkumpanja dan ir-rapport.

- Għall-implimentazzjoni tas-**CCI** — **Fażi 1**, l-Istati Membri li ġejjin indikaw data pplanata tal-operazzjonijiet li hija aktar tard mill-iskadenza stabbilita fil-WP tal-KDU¹⁴: AT, CY, CZ, DK, GR, FI, HU, IE, MT, NL, PT, SE, SI, u SK. Barra minn hekk, FI, PT, u SK talbu deroga. Għas-**CCI** — **Fażi 2**, BE, CZ, DE, FI, GR, NL, u PL indikaw data tal-operazzjonijiet ipplanata/reali li hija aktar tard mill-iskadenza fil-WP tal-KDU. Barra minn hekk, PT u SK talbu deroga. Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsimiet 3.5 u 4.4 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jikkumpanja dan ir-rapport.
- Għall-implimentazzjoni tal-**NCTS** — **Fażi 5**, AT, BE, CY, DK, ES, FI, FR, GR, HU, LT, MT, NL, PL, PT, RO, SE u SK għandhom data tal-operazzjonijiet ipplanata/reali għall-funzjonalitajiet ewlenin li hija aktar tard mill-iskadenza definita għal dan il-pass 1 fil-WP tal-KDU¹⁵. Madankollu, l-Istati Membri kollha varaw is-sistema sal-21 ta' Jannar 2025, li mmarkat it-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni. Din hija kisba importanti ħafna fl-implimentazzjoni tal-WP tal-KDU. Għall-funzjonalitajiet mhux ewlenin, hemm ftit Stati Membri li għandhom dewmien, għalkemm dan ma huwiex qed ikollu impatt fuq il-funzjonament tal-NCTS — Fażi 5 il-ġdida peress li ma hemm l-ebda interkonnessjoni diretta ma' sistemi ta' Stati Membri oħra.
- Għall-**NCTS** — **Fażi 6**, GR, PL, u RO rrapportaw data tal-operazzjonijiet ipplanata/reali li hija aktar tard mill-iskadenza fil-WP tal-KDU. Dan il-proġett għandu jittqies b'rabta mal-ICS2 Rilaxx 3. Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsimiet 3.7 u 4.5 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jikkumpanja dan ir-rapport.
- Għall-implimentazzjoni tal-**AES** — **Komponent 1**, l-Istati Membri li ġejjin għandhom data tal-operazzjonijiet ipplanata/reali għall-funzjonalitajiet ewlenin li hija aktar tard mill-iskadenza għal dan il-pass 1 fil-WP tal-KDU¹⁶: AT, BE, CY, GR, HU, LU, MT, PL, PT, RO, SE, FR u SK.

Madankollu, aktar importanti minn hekk hija d-data finali tal-varar għall-AES fit-2 ta' Diċembru 2024 kif definita fil-WP tal-KDU bir-regoli tranżizzjonali stabbiliti sal-11 ta' Frar 2025. F'tit Stati Membri rrapportaw kwistjonijiet li potenzjalment iwasslu għal perjodu ta' dewmien qasir ħafna (PT, MT, HU u AT). Madankollu, għet irrapportata problema aktar sostanzjali minn żewġ Stati Membri (FR u GR) li ma setgħux iwaraw il-komponent tagħhom fil-ħin, minkejja l-miżuri kollha meħuda, u kienu qed jiffaċċjaw dewmien serju. Għalhekk, il-varar sħiħ tas-sistema l-ġdida tal-AES huwa mblukkat u l-Istati Membri l-oħra u n-negozji Ewropew huma mgħiegħla jibqgħu f'perjodu itwal ta' tranżizzjoni.

Fid-dawl tad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-AES, il-Kummissjoni ntalbet iżżomm il-konvertitur tal-messaġġ ċentrali għaddej sa tmiem l-2025 biex tiġi żgurata l-kontinwità tan-negozju u jiġi evitat it-tfixkil fil-flussi kummerċjali. Dan kien ifisser l-estensjoni *de facto* tal-perjodu ta' tranżizzjoni. Sabiex ikollha kopertura legali għal din l-estensjoni, il-Kummissjoni pproponiet emenda legali għar-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar l-Arranġamenti Tekniċi

tal-passaġġi fuq l-ilma interni (b'perjodu ta' varar li jibda fit-3 ta' Ġunju 2024 u jintemm fl-4 ta' Diċembru 2024); Il-Pass 2 kien relatat mal-house filers fit-traffiku marittimu u fil-passaġġi fuq l-ilma interni (b'perjodu ta' varar li jibda fl-4 ta' Diċembru 2024 u jispiċċa fl-1 ta' April 2025); u l-Pass 3 rigward it-trasportaturi bit-triq u bil-ferrovija (b'perjodu ta' varar li jibda fl-1 ta' April 2025 u jispiċċa fl-1 ta' Settembru 2025).

¹⁴ Fir-reviżjoni tal-WP tal-KDU tal-2023, it-tmiem tal-perjodu tat-tnedija huwa previst għall-1 ta' Lulju 2024.

¹⁵ Fir-reviżjoni tal-WP tal-KDU tal-2023, it-tmiem tal-perjodu ta' varar għall-funzjonalitajiet ewlenin tas-sistema huwa previst għall-1 ta' Diċembru 2023 u l-funzjonalitajiet li jifdal għat-2 ta' Diċembru 2024. Sat-2 ta' Diċembru 2024, l-Istati Membri u n-negozjanti kollha għandhom jużaw is-sistema *NCTS* — *Fażi 5*. It-tmiem tat-tranżizzjoni huwa previst għall-21 ta' Jannar 2025.

¹⁶ Fir-reviżjoni tal-WP tal-KDU tal-2023, it-tmiem tal-perjodu ta' varar għall-funzjonalitajiet ewlenin tas-sistema huwa previst għall-1 ta' Diċembru 2023, l-iżvilupp ta' interfaċċa armonizzata mal-EMCS għat-13 ta' Frar 2024, u l-funzjonalitajiet li jifdal għat-2 ta' Diċembru 2024. Sat-2 ta' Diċembru 2024, l-Istati Membri u n-negozjanti kollha għandhom jużaw is-sistema *AES*. It-tmiem tat-tranżizzjoni huwa previst għall-11 ta' Frar 2025.

(IRTA,) tal-KDU dwar is-sistemi elettroniċi. Fis-7 ta' Frar 2025 saret votazzjoni dwar din l-emenda u f'Marzu 2025 ġiet adottata; dan jippermetti l-kontinwazzjoni tal-miżuri tranżizzjonali għall-esportazzjoni u l-ħruġ għal perjodu estiż sal-14 ta' Diċembru 2025, filwaqt li l-iskadenza għall-Istati Membri se tibqa' kif definita fil-WP tal-KDU.

Għall-**AES – Komponent 2**, GR, FI, MT u FR indikaw data tal-operazzjonijiet ippjanata/reali li hija aktar tard mill-iskadenza fil-WP tal-KDU. Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima 3.8 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport.

- Għall-implimentazzjoni tal-**GUM — Komponent 2**, l-Istati Membri li ġejjin indikaw data ppjanata tal-operazzjonijiet li hija aktar tard mill-iskadenza stabbilita fil-WP tal-KDU¹⁷: GR, FI, DE u FR. Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok irreferi għat-taqsima 4.1 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport.
- Għall-implimentazzjoni tal-**PoUS – Fażi 2**, li hija interkonnessa mal-EMSWe, il-proġett miexi kif previst minn perspettiva doganali, madankollu, hemm dewmien possibbli fid-disponibbiltà tal-Single Windows Nazzjonali Marittimi mill-awtoritajiet marittimi tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni qed tanalizza u timmonitorja s-sitwazzjoni għall-proġetti msemmija hawn fuq mill-qrib ħafna u qed tieħu miżuri biex iżżid l-appoġġ tagħha — ara t-taqsima 4.4 ta' hawn taħt.

4.4 AZZJONIJIET TA' MITIGAZZJONI

L-Istati Membri ddeskrivew id-diversi azzjonijiet ta' mitigazzjoni li għandhom l-għan li jindirizzaw id-dewmien (potenzjali) u jiżguraw il-konformità mal-iskadenzi legali. Dawn l-azzjonijiet jinkludu l-ottimizzazzjoni tal-allokazzjoni tar-riżorsi, l-adozzjoni ta' metodoloġiji aġli, l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' sistemi integrati u t-tisħiħ tal-koordinazzjoni mal-kuntratturi biex tittejjeb l-effiċjenza u t-tisħiħ tal-kollaborazzjoni. Stati Membri oħra qed jippjanaw li jtejbu l-istrutturi organizzazzjonali, jissimplifikaw il-proċessi, u jirfinaw l-ippjanar biex itejbu l-ġestjoni tal-proġetti u t-teħid tad-deċiżjonijiet. Dawn il-miżuri ssemew kemm għall-proġetti nazzjonali kif ukoll għal dawk trans-Ewropej.

Fid-dawl tad-dewmien min-naħa tal-Istati Membri, **il-Kummissjoni qed iżżid l-appoġġ tagħha lill-Istati Membri permezz ta' diversi azzjonijiet.**

L-ewwel nett, il-Kummissjoni **tejbet is-superviżjoni u l-monitoraġġ tal-programm tal-IT tal-KDU** billi żiedet il-frekwenza tar-rapporti dwar il-progress u organizzat laqgħat bilaterali u missjonijiet fil-livell ta' Direttur ma' kull wieħed mill-Istati Membri. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-WP tal-KDU tqiegħdet b'mod konsistenti fuq l-aġenda tal-laqgħat u l-missjonijiet imwettqa mid-Direttur Ġenerali u fil-laqgħat plenarji ta' livell għoli mad-Diretturi Ġenerali tal-Istati Membri bħal fil-Grupp tal-Politika Doganali. L-Istati Membri ġew imħeġġa jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni.

Il-Kummissjoni kompliet tuża dashboard tal-Pjan Strateġiku Pluriennali għad-Dwana (MASP-C) ibbażat fuq ir-Reviżjoni tal-MASP-C tal-2023 u l-WP tal-KDU tal-2023 biex timmonitorja l-progress u l-istadji importanti tal-proġett u tidentifika dewmien fi stadju bikri. Id-dashboard huwa ppreżentat fuq bażi trimestrali lill-Istati Membri fl-ECCG li qed jiltaqa' b'mod konġunt mal-komunità kummerċjali.

Barra minn hekk, kif indikat fir-Reviżjoni tal-2023 tal-WP u tal-MASP-C tal-KDU, il-Kummissjoni tistabbilixxi stadji importanti interim speċifiċi biex tiżgura l-varar bla xkiel tas-sistemi trans-Ewropej deċentralizzati u biex jiġu evitati kostijiet addizzjonali.

It-tieni, il-Kummissjoni **saħħet l-assistenza tagħha lill-Istati Membri għas-sistemi trans-Ewropej** billi adottat approċċ aġli u iterattiv għall-iżvilupp u l-varar tas-sistemi elettroniċi tal-KDU. Dan il-metodu, li jinkludi l-prototipar, riżoluzzjoni rapida ta' kwistjonijiet, u ammont ta' xogħol ibbilanċjat

¹⁷ Fir-Reviżjoni tal-WP tal-KDU tal-2023, għall-**GUM – Komponent 1**, id-data tal-varar hija prevista għall-11 ta' Marzu 2024 u, għall-**GUM – Komponent 2**, il-bidu tal-perjodu ta' varar għandu jiġi definit mill-Istati Membri, fejn l-aktar data bikrija possibbli ta' varar tkun il-11 ta' Marzu 2024.

kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għall-Istati Membri, itejjeb il-kwalità tas-sistema u jiffaċilita progress tanġibbli. Dan l-approċċ intlaqa' tajjeb mill-Istati Membri u min-negozjanti.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbiliet mekkaniżmu kollaborattiv fost il-partijiet ikkonċernati mill-bidu tal-proġetti biex ittejjeb l-attivitajiet preparatorji, tipprevjeni diffikultajiet fit-teħid tad-deċiżjonijiet u tiżgura t-trasparenza permezz ta' aġġornamenti regolari tal-proġetti.

Il-Kummissjoni kompliet ukoll bil-programmi ta' koordinazzjoni u monitoraġġ għal kull waħda mis-sistemi trans-Ewropej li jirrikjedu ħidma sostanzjali min-naħa tal-Istati Membri għall-iżvilupp tal-komponenti nazzjonali.

Aktar dettalji dwar l-attivitajiet imwettqa għall-ICS2, NCTS – Fażi 5 u AES:

- **Għas-sistema trans-Ewropea ICS2**, il-Kummissjoni kompliet tippovdi appoġġ lill-Istati Membri u lill-Operaturi Ekonomiċi fl-attivitajiet ta' żvilupp tagħhom għall-ICS2 – *Rilaxx 3* permezz ta' diversi mezzi. Dan kien jinkludi l-organizzazzjoni ta' webinars iddedikati, l-offerta ta' assistenza permezz ta' FAQs, u l-koordinazzjoni ta' laqgħat plenarji biex jiġi żgurat l-allinjament tal-pjanijiet tal-proġetti mal-istadji importanti ta' twettiq tal-IT tal-Kummissjoni. Fl-aħħar nett, kampanji ta' komunikazzjoni, sessjonijiet ta' taħriġ online u dokumentazzjoni saru aċċessibbli fil-librerija pubblika CIRCABC.
- **Għas-sistemi trans-Ewropej NCTS — Fażi 5 u AES**, il-Kummissjoni kompliet bil-“Programm ta' Koordinazzjoni tal-Amministrazzjoni Nazzjonali” biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-iżvilupp u l-varar tal-komponenti nazzjonali tagħhom. Il-programm ġie estiż biex jissorvelja t-tranżizzjoni tal-Istati Membri u tan-negozjanti għas-sistemi tal-NCTS – *Fażi 5* u tal-AES, jimmonitorja l-kontinwità operazzjonali matul it-tranżizzjoni, u jrawwem kollaborazzjoni aktar mill-qrib mal-Istati Membri. L-attivitajiet jinkludu helpdesk iddedikat, laqgħat virtwali biex jiġi mmitigat id-dewmien fl-iżvilupp tal-Istati Membri, it-tixrid ta' informazzjoni aġġornata lill-komunità kummerċjali u r-rappurtar regolari lill-ECCG u lis-CPG. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ilha toħroġ rapporti trimestrali ta' progress konsolidati dwar it-tranżizzjoni lejn is-sistemi l-ġodda mill-ewwel trimestru tal-2021, li jipprovdu KPIs għad-detezzjoni bikrija tat-twissijiet.

Il-Kummissjoni, ispirata mill-programmi ta' monitoraġġ u koordinazzjoni għall-proġetti trans-Ewropej l-oħra, żiedet l-attivitajiet tagħha biex timmonitorja mill-qrib il-progress tal-iżvilupp tal-komponenti nazzjonali mill-Istati Membri **għall-proġett tas-CCI** u stabbiliet rapport trimestrali ta' progress konsolidat sa mill-ewwel trimestru tal-2024. Barra minn hekk, it-tim tan-negozju tas-CCI ddedikat tal-Kummissjoni kompli bl-isforzi tiegħu biex jindirizza l-mistoqsijiet tal-Istati Membri dwar l-importazzjoni u s-simplifikazzjonijiet fl-importazzjoni bħall-iżdoganar ċentralizzat. Barra minn hekk, saru laqgħat tekniċi regolari kull ġimgħa u kull ġimagħtejn kif ukoll sessjonijiet ta' feedback dwar l-ittestjar tal-konformità.

It-tielet, il-Kummissjoni fittxet l-input tal-Istati Membri dwar ir-restrizzjonijiet tagħhom u l-appoġġ meħtieġ biex jiġu mmitigati r-riskji. Permezz tal-**istħarriġ**, l-Istati Membri esprimew li l-laqgħat bilaterali fil-livell ta' Direttur u d-dialogu tekniku mad-DĠ TAXUD kienu ta' benefiċċju kbir. Huma vvalutaw il-webinars tekniċi u l-attivitajiet ta' kondivizzjoni tal-informazzjoni pprovduti mill-Kummissjoni bħala utli. Xi wħud issuġġerew linji gwida u taħriġ operazzjonali addizzjonali, gwida għall-operaturi ekonomiċi, u assistenza b'appoġġ għan-negozju u għarfien espert, li mbagħad tmexxew 'il quddiem mill-Kummissjoni matul l-2024.

Ir-raba', abbażi tal-eżitu tal-istħarriġ u tad-diskussjonijiet bilaterali mal-Istati Membri, in-nuqqas ta' finanzjament xieraq spiss ġie żvelat bħala raġuni għad-dewmien. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-sejħa l-ġdida għall-finanzjament taħt l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (**TSI, Technical Support Instrument**) **2025** għandha l-għan li tippromwovi s-sensibilizzazzjoni lill-Istati Membri għall-possibbiltà li jinkiseb appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-KDU.

Il-ħames, biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri fil-ġestjoni ta' kuljum tagħhom tal-programm diġitali tal-KDU, tliet Stati Membri (FR, MT u GR) haġu sehem fi proġett pilota li l-Kummissjoni stabbiliet **ma' kumpanija ta' konsulenza** fi tmien l-2023. Matul l-2024, dawn l-Istati

Membri rrapportaw li l-għarfien u r-rakkomandazzjonijiet ipprovduti kienu utli ħafna biex ikun hemm fehim aħjar tal-kwistjonijiet u kif dawn għandhom jiġu indirizzati u bħala tali jiġi evitat aktar dewmien.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni kompliet bl-eżerċizzju biex tiġbor it-tagħlimiet **meħuda u l-aħjar Prattiki** għall-iżvilupp tal-proġetti diġitali. Għal dak il-għan, l-istħarriġ li sar fl-2024 ipprova din l-informazzjoni u l-eżiti żdiedu mat-taqsima 1.2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport.

Hekk kif qed nimxu lejn tmiem l-2025, l-Istati Membri ntalbu jissalvagwardjaw l-iskadenzi fil-WP il-ġdid tal-KDU. Baqa' biss sena oħra għall-implimentazzjoni sħiħa tal-IT tal-KDU. **Huma meħtieġa sforzi eċċezzjonali u azzjoni inmedjata** biex jiġi evitat id-dewmien u biex tiġi żgurata l-kontinwità tan-negozju tagħhom għas-sistemi trans-Ewropej. F'konformità mad-dritt tal-UE, il-Kummissjoni impenjat ruħha f'korrispondenza formali mal-Istati Membri li qed jiffaċċjaw dewmien fl-implimentazzjoni tas-sistemi tal-IT.

Filwaqt li l-Kummissjoni tagħti l-appoġġ tagħha b'ħafna modi kif muri hawn fuq, ir-responsabbiltà għall-iżvilupp u għall-varar tal-komponenti u tas-sistemi nazzjonali hija tal-Istati Membri. Il-kondiviżjoni tar-rwol ġiet definita u miftiehma mal-partijiet ikkonċernati kollha mill-bidu nett u għandha tiġi rrispettata matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett.

4.5 IS-SITWAZZJONI ATTWALI GħALL-PAJJIŻI TAT-TKABBIR

Il-pajjiżi futuri tat-tkabbir tal-UE u partijiet kontraenti oħra għall-Konvenzjoni dwar Proċedura Komuni ta' Tranżitu (CTC, Common Transit Convention) se jkollhom iqisu t-tranżizzjoni lejn is-sistemi elettroniċi aġġornati previsti mill-KDU u l-approċċi l-ġodda tal-IT stabbiliti mill-proposta ta' riforma.

Il-Kummissjoni ma timmonitorjax b'mod sistematiku l-progress lejn sistemi elettroniċi sħaħ tal-pajjiżi kandidati bħala parti mill-obbligu ta' rapportar skont l-Artikolu 278a tal-KDU. Madankollu, bħala parti mill-istrateġija tat-tkabbir li tinkludi l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni mal-UE, l-iżvilupp tas-sistemi tal-IT tagħhom li jappoġġaw l-allinjament tagħhom mal-leġiżlazzjoni doganali tal-UE huwa element ewlieni fil-valutazzjonijiet regolari mwettqa mill-UE.

Il-pajjiżi kandidati se jkollhom bżonn jingħaqdu b'mod progressiv mas-sistemi tal-KDU jew jistabbilixxu dawn is-sistemi fit-triq tagħhom lejn is-sħubija fit-territorju doganali tal-UE. Skont id-data ppjanata tal-adeżjoni, dawn jistgħu jkunu meħtieġa wkoll li jissodisfaw il-funzjonalitajiet tal-Pjattaforma futura tad-Data Doganali tal-UE proposta fil-pakkett ta' Riforma Doganali.

Fil-futur, bi tħejjija għat-tkabbir li jinvolvi l-pajjiżi kandidati, se jkun meħtieġ li jseħħu diversi attivitajiet ewlenin b'mod regolari. Dawn jinkludu r-rapportar dwar l-implimentazzjoni diġitali u l-parteċipazzjoni fl-ittestjar tal-konformità biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn is-sistemi nazzjonali tagħhom u daww tal-Istati Membri u tal-UE. Barra minn hekk, l-UE se jkollha bżonn tivvaluta l-prestazzjoni tas-sistemi b'mod regolari.

5. SINTEŻI AMMINISTRATTIVA U KONKLUŻJONIJIET

L-implimentazzjoni tal-KDU kienet proġett kollaborattiv ikkaratterizzat minn impenn qawwi mill-partijiet ikkonċernati kollha minn meta l-Programm ta' Ħidma tal-KDU (WP tal-KDU) ġie adottat għall-ewwel darba fl-2014.

Fl-abbozzar ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni analizzat mill-qrib id-data dwar il-progress miġbura fl-2024 u rat il-passi sinifikanti li saru mill-Istati Membri lejn il-mira tal-2025. Din id-dedikazzjoni kondiviża wasslet għal avvanz sinifikanti fil-programm ta' implimentazzjoni diġitali tal-KDU fl-2024, b'varar b'suċċess tas-Sistema tal-Ġestjoni tal-Garanzija (GUM, Guarantee Management System), ICS2 Rilaxx 3, PoUS Fażi 1 u NCTS - Fażi 5.

Madankollu, minkejja dawn il-kisbiet, xi Stati Membri għadhom qed jissieltu ma' ċerti skadenzi tal-proġetti, b'mod partikolari għal daww relatati mal-qasam tal-importazzjoni (NIS, TS, CCI) u mal-qasam

Sal-2024, madwar 63 % tal-Istati Membri jiffaċċjaw dewmien fis-CCI Fażi 1, filwaqt li ġie rrapportat inqas dewmien f'komponenti oħra, bħall-ICS2 Rilaxx 3 u l-AES, li kull wieħed minnhom għandu impatt fuq mhux aktar minn 11 % tal-Istati Membri. Dawn id-differenzi jirriflettu livelli varjati ta' prontezza u jindikaw li, mingħajr sforz sostnut, id-dewmien jista' jaffettwa l-iskeda ta' żmien kollettiva għall-implimentazzjoni sħiħa tal-KDU sal-2025.

Sabiex jintlaħaq dan l-istadju importanti kritiku, il-partijiet ikkonċernati kollha issa jeħtiġilhom jergħu jirdoppjaw l-enfasi u l-impenn tagħhom għall-iskedi ta' żmien legali tal-WP tal-KDU. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni kkomunikat formalment mal-Istati Membri li qed jesperjenzaw dewmien, f'konformità mad-dritt tal-UE. Il-Kummissjoni se tkompli l-monitoraġġ u l-appoġġ mill-qrib tagħha permezz tal-involvement kemm fil-livell tal-programm kif ukoll fil-livell tal-proġett, issupplimentat minn skambji bilaterali u laqgħat plenarji mal-Istati Membri.